- *setgħat ta' kumitat ta' klabb tal-futbol li jissellef mill-Bank*
- *mhux applikabbli l-preskrizzjonijiet ex-Art. 1222 u 1224*

*għal talba biex jiġi ddikjarat li l-kumitat jew uffiċjali tiegħu aġixxew ultra vires*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 30 ta' Jannar 2020.**

**Rikors Nru. 171/07 GM**

**Zurrieq Football Club**

**vs**

**Bank of Valletta plc (C2833)**

**Joseph Farrugia**

**Vincent Bellizzi**

**Vincent Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-klabb attur ppreżentat fis-16 ta' Frar 2007, li permezz tiegħu abbażi tal-premessi illi:-

Permezz ta' żewġ kuntratti datati 4 ta' Settembru 2001 annessi u mmarkati bħala Dok A u B, is-soċjeta' konvenuta Bank of Valletta plc ikkonċediet faċilita` bankarja lil Zurrieq Football Club fl-ammont ta' Lm40,000 u Lm10,000 rispettivament.

Dawn il-kuntratti huma nulli u bla effett legali fil-konfront ta' l-esponenti, stante li ġew iffirmati suppożitament f'ismu mill-konvenuti Joseph Farrugia, Vincent Bellizzi u Vincent Gauci, li ma kienux debitament awtorizzati għal dan l-iskop;

Wara l-iffirmat ta' dawn il-kuntratti saru diversi emendi fl-istatut taż-Zurrieq Football Club, da parti ta' l-istess firmatarji sabiex tiġi ssanata r-rabta kuntrattwali derivanti mill-istess kuntratti;

Fid-data tal-iffirmar tal-kuntratti, l-firmatarji ma kellhomx l-awtorizzazzjoni tal-membri kollha taz-Zurrieq Football Club, sabiex jiġu ffirmati l-istess kuntratti, u is-soċjeta` Bank of Valletta plc qatt ma talbet xi konferma ta' awtorizzazzjoni tal-membri kollha taż-Żurrieq Football Club;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara ż-żewġ kuntratti datati 4 ta' Settembru 2001, in atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja, huma nulli u bla effett fil-Liġi.

2. Tordna per konsegwenza ta' l-akkoljiment tat-talba hawn esposta, it-tħassir, rexxisjoni u annullament tal-istess kuntratti;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Joseph Farrugia, Vincent Bellizzi u Vincent Gauci ippreżentata fit-22 ta' Marzu 2007 li in forza tagħha eċċepew illi:-

1. Din l-azzjoni għar-rexissjoni taż-żewġ kuntratti hija preskritta ai termini tal-artikolu 1222 u 1224 tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li huma t-tnejn datati 4 ta' Settembru 2001.
2. Kif jaf ben tajjeb il-klabb, kienu awtorizzati minnu sabiex jidhru fuq l-istess kuntratti.
3. Dak iż-żmien Joe Farrugia kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Klabb u dejjem aġixxa fl-aħjar interess tal-Klabb u l-istess għamlu ż-żewġ konvenuti l-oħra li kienu jagħmlu parti mill-kumitat.
4. Din il-kawża infetħet sempliċiment stante li l-Klabb ma onorax l-obbligi tiegħu fil-konfront tal-Bank of Valletta u ċjoe` ma ħallasx lura is-somma ta' Lm50,000 dovuti lil Bank.
5. Fil-fatt il-Bank of Valletta pproċeda permezz ta' kawża kontra Zurrieq Football Club; u billi l-Qorti ċaħdet it-talba tal-Club li jkunu kjamati in kawza wkoll il-konvenuti, fetaħ il-kawża odjerna;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Bank of Valletta plc ippeżentata fit-22 ta' Marzu 2007 li permezz tagħha eċċepixxa illi:-

1. T-talbiet attriċi huma irriti, nulli u inammissibbli stante illi m'humiex preċeduti minn talba għal dikjarazzjoni ġudizzjarja tal-allegat difett fl-imsemmi kuntratti.

2. It-tieni talba attriċi hija ukoll ġuridikament irrita u inammissibbli stante illi din il-Qorti jekk tiddikjara illi ż-żewg kuntratti tal-4 ta' Settembru 2001 huma nulli u bla effett fil-Liġi in forza tal-ewwel

artikolu ma tistax tħassar, tirrexendi u tinnulla dak li diġa` ġie ddikjarat null.

3. Il-konnessjoni ta' din il-kawża mal-kawża Rikors Ġuramentat numru 868/2006 JRM fl-ismijiet *Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Zurrieq Football Club* pendenti quddiem din il-Qorti.

4. Il-kuntratti tal-4 ta' Settembru 2001 Dok. 'A u B' esebiti mar-rikors ġuramentat għandhom pjena validita` u ġew iffirmati mill-persuni li kienu jirrappreżentaw kontrattwalment u legalment lill-attur Zurrieq Football Club fid-data tal-istess kuntratti.

5. L-attur wettaq u rratifika l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-imsemmija kuntratti għal numru ta' snin bit-tħaddim tal-faċilitajiet bankarji konċessi bl-imsemmija kuntratti;

Rat li l-proċess ta' din il-kawża ġie rimess biex jinstama' mill-istess imħallef li kien qiegħed jisma' l-kawża numru 868/2006 li l-Bank kien fetaħ kontra l-Klabb għall-ħlas tad-debiti riżultanti mill-faċilitajiet bankarji mogħtija in forza tal-kuntratti msemmija;

Rat li permezz ta' Digriet tal-10 ta' Settembru 2019 fl-atti ta' din il-kawża (fol 327) il-Qorti ordnat li l-provi prodotti f'din il-kawża jgħoddu għall-kawża 868/2006 u viċi-versa;

Rat l-atti kollha taż-żewġ kawżi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-klabb attur u mill-bank konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatt li t-talbiet relatati man-nullita` m'humiex preċeduti minn talba għal dikjarazzjoni ġudizzjarja tal-allegat difett fl-imsemmi kuntratti ma jwassalx għan-nullita` tal-istess talbiet billi mill-premessi tar-rikors ġuramentat huwa evidenti fuq xhiex huma bbażati l-istess talbiet u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-Bank hija mingħajr bażi u qiegħdha tiġi miċħuda;

Illi huwa minnu li t-tieni talba attriċi ma ssegwix loġikament l-ewwel talba stante illi din il-Qorti jekk tiddikjara illi ż-żewg kuntratti tal-4 ta' Settembru 2001 huma nulli u bla effett fil-liġi in forza tal-ewwel talba ma tistax tħassar, tirrexendi u tinnulla dak li tkun diġa` ddikjarat null fl-ewwel talba. B'danakollu dan ma jwassalx għan-nullita` tat-tieni talba. Huwa prinċipju tad-dritt proċesswali modern li l-atti għandhom jiġu salvati. Għalkemm it-talbiet huma ppreżentati b'mod illoġiku għall-aħħar, huwa evidenti li dak li tabilħaqq qiegħed jitlob l-attur fis-sustanza huwa dikjarazzjoni li l-kuntratti ma japplikawx għalih minħabba l-allegat nuqqas ta' awtorizzazzjoni da parti tiegħu. It-tieni eċċezzjoni għalhekk m'hijiex sejra tirċievi favur u wkoll qiegħdha tiġi miċħuda;

Illi b'danakollu jrid jiġi stabbilit x'tip t'azzjoni qiegħed jagħmel il-klabb attur; jekk hux qiegħed jitlob dikjarazzjoni li huwa barrani għall-kuntratt u li mhux marbut bih; inkella jekk hux qiegħed, filwaqt li jagħraf il-validita` tal-kuntratt fil-konfront tiegħu, jitlob li jiġi mħassar. Fit-tieni ipoteżi, ikun qiegħed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt u allura l-Qorti tkun trid teżamina jekk l-azzjoni hix preskritta id-dispożizzjonijiet tal-Artikli 1222 (sentejn) jew 1224 (ħames snin) tal-Kodiċi Ċivili, kif eċċepit mill-konvenuti Joseph Farrugia, Vincent Bellizzi u

Vincent Gauci; u f'każ ta' tweġiba pożittiva, jekk il-preskrizzjoni tapplikax ukoll għall-konvenut l-ieħor il-Bank of Valletta plc, minkejja li ma qajjimx l-istess eċċezzjoni;

Illi l-klabb attur huwa każin tal-futbol. Illum huwa skontat li għandu personalita` ġuridika kemm-il darba jkun irreġistrat skont il-liġi. Permezz tal-Att XIII.2007 ġiet miżjuda t-Tieni Skeda mal-Kodiċi Ċivili li tirregola l-organizzazzjonijiet ġuridiċi. Il-kuntratti mertu ta' din il-kawża saru fit-2001 u għalhekk qabel ma l-liġi daħħlet ir-regoli speċifiċi li hemm illum li jirregolaw il-persuni jew aħjar l-entitajiet ġuridiċi. Din il-Qorti għalhekk ikollha tirrikorri għall-arkejoloġija forensi biex tikkonstata l-istat tal-liġi kif kien dak iż-żmien. Skont **Sammut v Borg (1897)** korp morali ma jkollux personalita` legali separata minn dik tal-membri tiegħu. Fin-1936**, Curmi v Depiro** rrikonoxxiet li korp morali għandu personalita` ġuridika separata minn dik tal-membri tiegħu. Iktar tard, din il-Qorti stqarret in re: **Bugeja v Agius** li l-membri tal-klabbs huma responsabbli personalment għall-azzjonijiet tal-klabb. Is-sentenza ġiet appellata. Il-Qorti tal-Appell qalet (1981), abbażi tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, li l-klabbs huma persuni legali. Jidher għalhekk li dawn il-Qrati għalkemm għall-bidu ma kinux jagħrfu li klabb għandu personalita` ġuridika distinta minn dik tal-membri tiegħu, mal-milja taż-żmien bdew jagħrfu, anke jekk b'mod riluttanti, li korp morali, inkluż klabb, għandu personalita` legali distinta u separata minn dik tal-membri tiegħu;

Illi entita` ġuridika għandha, in forza ta' finzjoni legali, l-istess kapaċita` li taġixxi bħalma għandha persuna fiżika. B'danakollu, biex taġixxi, trid tabilfors tinqeda b'persuni fiżiċi, li jiffurmaw parti mill-istruttura organizzattiva tagħha, fi kliem ieħor organi, li jwettqu atti imputabbli għall-entita` nnifisha. L-organu huwa l-uffiċċju kompetenti biex jeżerċita funzjoni tal-entita`. Trid issir distinzjoni bejn is-setgħa ta' amministrazzjoni (interna) – per eżempju, id-deċiżjoni li jinxtara ċertu makkinajru - u s-setgħa ta' rappreżentanza (esterna) – fl-eżempju mogħti, li

jsir kuntratt tax-xiri tal-makkinarju li jkun ġie deċiż li jinxtara. Dawn iż-żewġ setgħat mhux dejjem ikunu attwibwiti għall-istess organu. Hekk per eżempju, fil-każ ta' soċjetajiet kummerċjali, l-amministrazzjoni tkun f'idejn il-bord tad-diretturi, filwaqt li r-rappreżentanza tal-kumpannija tista' tingħata lill-uffiċċjali li filhom tkun mogħtija espressament (per eżempju ċ-ċermen tal-Bord jew il-kap eżekuttiv);

Illi llum, jekk rappreżentant ta' entita` ġuridika jeċċedi l-mandat tiegħu huwa u jikkuntratta ma' terzi, japplikaw ir-regoli tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, fosthom Regolament 4(4) u 4(5) li jaqraw hekk:

> "(4) Persuni ġuridiċi jaġixxu permezz tal-organi tagħhom, bħal ma huma l-bord tal-amministraturi, diretturi jew *trustees* u, safejn ikollha membri, il-laqgħa ġenerali tal-membri dwar ħwejjeġ li jaqgħu taħt dan l-organu.
>
> "(5) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' persuna ġuridika tkun vestita bil-mod kif imsemmi fl-istatut tal-organizzazzjoni jew fil-liġi li tapplika u l-amministraturi jitqiesu li jkollhom is-setgħa li jiddelegaw dawk is-setgħat ta' rappreżentanza permezz ta' riżoluzzjoni bil-miktub jew prokura bil-miktub favur xi terzi. L-amministraturi ta' persuna ġuridika jorbtuha sal-limitu tas-setgħat mogħtija lilhom bil-liġi, bl-att li joħloq l-organizzazzjoni u b'xi ordinamenti jew kif ikun mod ieħor preskritt fil-liġi li tapplika għall-forma legali tagħhom:
>
> "Iżda kull limitazzjoni fis-setgħat tal-amministraturi ma tistax tiġi invokata kontra terzi li jaġixxu *bona fide* irrispettivament jekk dik il-limitazzjoni, kemm jekk pubblikata u kemm jekk le, toħroġx mill-att ta' kostituzzjoni jew minn deċiżjoni interna, sakemm ma jiġix pruvat li dik il-parti terza kienet taf li dak l-att kien bi ksur ta' dik il-limitazzjoni";

Illi fiż-żmien li saru l-kuntratti in kwistjoni, kienu japplikaw biss il-prinċipji ġenerali tal-mandat. Rappreżentant ta' enti morali li kien jeċċedi s-setgħat tiegħu kien ekwiparat għal kull mandatarju ieħor u allura ma kienx jorbot lill-istess entita`. Bħal fil-każ ta' kull mandatarju, kwalunkwe kuntratt li seta' jikkuntratta f'isem il-prinċipal tiegħu; f'dan il-każ is-soċjeta`, kien ikun *res inter alios acta*

għaliha u ma kienx jorbotha. Għalhekk ma jkun hemm l-ebda obbligazzjoni, ma jkunx każ ta' rexxissjoni, fejn l-obbligazzjoni tkun teżisti iżda tiġi mħassra minħabba xi difett inerenti fil-ħolqien tagħha. Għalhekk, kif ġie deċiż in re: **Giuseppe Scicluna v Vincenzo Chircop[1]**, f'każ li fih allegat mandatarju verbali deher fuq kuntratt u ttrasferixxa art lil terzi, ma tkunx applikabbli l-preskrizzjoni ex-Art. 1224:

> "Ne segue che la prescrizione di cui all'articolo 932[2] di detta Ordinanza non e` applicabile ai casi in cui il contratto sia inesistente, ma ai casi in cui il contratto fosse nullo, poiche` le azioni di nullita` o di rescissione sono annoverate nell'articolo 851[3] di detta legge fra i diversi modi coi quali si estinguono le obbligazioni ed e` evidente che non si possa estinguere cio` che non esiste";

Illi m'hemmx dubbju li lanqas il-preskrizzjoni *ex*-Art. 1222 tal-Kodiċi Ċivili m'hija applikabbli għall-każ preżenti, għaliex mhux il-każ ta' egħmil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta`[4];

Illi jirriżulta li l-klabb attur kien irregolat, fid-data u ħin meta ġew iffirmati l-kuntratti *de quo agitur*, mill-istatut esibit bħala Dok LM1 a fol 63 tal-proċess 868/2006. Skont klawżola 13 tiegħu:

"it-tmexxija ta' dan il-Club tkun f'idejn il-Kumitat…"

U skont klawżola 15: "il-President, is-Segretarju u l-Kaxxier jidhru u jiffirmaw għan-nom tal-Club kuntratti u kwalunkwe ftehim ieħor";

Illi ma kien hemm l-ebda limitu għas-setgħat tal-Kumitat speċifikat f'dan l-

---

[1] 14.05.1923 Qorti tal-Appell (Kummerċjali) Kollez. Vol. XXV.i.511. Din is-sentenza ġiet segwita minn Francesco Vassallo La Rosa v Lorenzo Bugeja 22.10.1932 Prim'Awla Kollez. Vol. XXVIII.ii.271 u Alfredo Micallef v Marietta Borg 05.11.1932 Prim'Awla Kollez. Vol. XXVIII.ii.292

[2] Illum Art. 1224 Kod. Ċiv.

[3] Illum Art. 1445 Kod. Ċiv.

[4] Interessanti, għalkemm ma jinteressax il-vertenza quddiem din il-Qorti, u għalhekk il-Qorti qed tgħidu *obiter*, li l-Art. 1222 u 1224 jistabbilixxu perjodu ta' preskrizzjoni, u mhux ta' dekadenza – ara Francesca Aquilina v Giuseppe Gasan 06.12.1935 Qorti tal-Appell ( Kummerċjali) Kollez. Vol. XXIX.i.1305

istatut. Il-Laqgħa Ġenerali (para 27-32) tingħata s-setgħa li teleġġi l-kumitat, tneħħi l-President jew uffiċċjali ieħor u tpoġġi ieħor minfloku, u temenda l-istatut; iżda ma tingħata l-ebda setgħa ta' treġija. Għalhekk, in kwantu organu tas-soċjeta`, il-Kumitat kien l-organu kompetenti, pjenament iffakoltizzat, biex jagħmel kull att li jidhirlu li kellu jagħmel fl-interess tal-istess soċjeta`. Inkluż għalhekk li jagħmel kuntratti ta' self u *overdraft* mal-Bank konvenut. Fil-fatt, il-Kumitat eżerċita din il-fakulta` f'laqgħa li saret fit-13 ta' Lulju 2001 u awtorizza lill-Bank of Valletta plc biex jagħtih il-faċilitajiet bankarji li mbagħad ingħataw permezz tal-kuntratti msemmija[5]. Firmatarji kemm il-President, Segretarju u Kaxxier. Kif ġja` muri, dawn kienu awtorizzati li jirrappreżentaw il-klabb permezz tal-Istatut;

Illi għalhekk huwa rrelevanti jekk il-laqgħa ġenerali li saret dakinhar tal-kuntratt, iżda wara l-iffirmar tiegħu, kinitx valida jew le. Waqt l-istess laqgħa, dak li – tajjeb jew ħażin – inbidel fl-istatut[6] – għal dak li jinteresa lil din il-kawża - kien li l-President, is-Segretarju u l-Kaxxier flimkien ġew awtorizzati "sabiex għan-nom tal-Club jisselfu flus minn Bank… u huma awtorizzati li jiggarantixxu f'każ li jkun jinħtieġ fuq il-beni tal-Club…"(Klawzola 15(a)). Effettivament din il-klawżola ttrasferiet is-setgħa li jsir self u ipotekar tal-proprjeta` tal-klabb mill-Kumitat għal dawn it-tlett uffiċċjali tal-kumitat. Ma kkonferietx lill-Kumitat xi setgħa li jissellef li ma kellux qabel. Li jidher li sar kien li t-tlett uffiċjali, li diġa` kellhom ir-rappreżentanza tal-Każin fuq il-kuntratti ta' kull tip, żdiditilhom ukoll il-kapaċita` li jiddeċiedu li jissellfu f'isem il-klabb;

Illi għalhekk jirriżulta li l-kuntratti in kwistjoni kienu jorbtu lill-klabb attur billi saru in segwitu ta' deċiżjoni li jsir self minn organu debitament iffakoltizzat li jagħmel hekk mill-istatut u ffirmat minn tlett uffiċjali li kellhom ir-

[5] ara Appointment of Bankers Form, esibita a fol 270 tal-proċess 171/2007
[6] Dok CCB a fol 72 tal-proċess 171/2007

rappreżentanza legali tal-istess klabb;

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni abbażi tal-Art. 1222 u 1224;

2. tiċħad it-talbiet ta' Żurrieq Football Club bl-ispejjeż a kariku tal-istess klabb attur.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF